MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2006

Numru 804/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**Vs**

Lorita Pace

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-imputata Lorita Pace ta' karta ta' identita' numru 362484(M), akkuzata talli:

1. Fil-15 ta' Lulju, 2005, ghall-habta tas-6:15 p.m., minn Wholesale Bargains fi Vjal il-Haddiem, Rabat ikkommettiet serq ta' flus;

2. fis-6 ta' Awissu, 2005, ghall-habta tas-7:30 p.m., mill-hanut Heidi Bazaar, no. 89, Triq Guze Pace, Hamrun

ikkommettiet serq ta’ flus, liema serq hu aggravat bil-valur li ma jeccediex l-elf Lira Maltin;

3. fl-24 ta’ Awissu, 2005, ghall-habta tas-6:30 p.m., mill-hanut Crystal Look fi Triq il-Korp tal-Pijunieri, Bugibba ikkommettiet serq ta’ flus u mobile phone Nokia3310;

4. fid-29 ta’ Awissu, 2005, ghall-habta tal-5:00 p.m., mill-hanut The Fixx fi Triq ix-Xatt, Gzira kkommettiet serq ta’ mobile phone Samsung liema serq hu aggravat bil-valur li ma jeccediex l-elf Lira Maltin;

5. fis-7 ta’ Settembru, 2005, ghall-habta tal-12:15 p.m., mill-hanut La Dolce Vita f’Telghet Rahal Gdid, Paola kkommettiet serq ta’ flus.

6. Fit-12 ta’ Lulju, 2005, ghall-habta tas-1:10 p.m., gewwa Stalbert Pharmacy fi Triq l-Oratorju, Gharghur bil-hsieb li tikkommetti serq wriet dan il-hsieb b’atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghha u li kieku gie esegwit l-istess serqa kienet tkun aggravata bil-valur li ma jeccediex l-elf Lira Maltin;
Iktar, akkuzata wkoll talli, ghad li ma kienetx wahda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (c) tal-Artikolu 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, xjentement, ghenet jew assistiet lill-awtrici, cioe’ lil Elaine Rapinett, fil-kommissjoni ta’ zewg serqiet ohra u/jew fl-atti li bihom l-imsemmija delitti gew ippreparati u/jew ikkunsmati, u cioe’:

7. fil-25 ta’ Awissu, 2005, ghall-habta tal-11:00 a.m., f’serqa ta’ flus minn The Cleaning Centre fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta u

8. fil-25 ta’ Awissu, 2005, ghall-habta tal-11:15 a.m., f’serqa ta’ flus minn Tas-Sapuna Green Grocer fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta.

9. Fl-istess dati, hinijiet, postijiet u cirkostanzi rrendiet ruhha recediva ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li nstabet hatja b’diversi

sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula, kif ukoll

10. Kisret il-provvediment ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap 446 li kien gie mpost fuqha b’sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 30 ta’ Gunju, 2005, liema sentenza saret definittiva.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputata tirregistra ammissjoni fl-udjenza tal-lum l-14 ta’ Marzu, 2006 fl-liema ammissjoni hija baqghet tinsisti anke wara li l-Qorti taghtha zmien tirrikonsidra;

Rat l-‘pre-sentencing report’ ordnat minnha stess.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputata hija akkuzata b’diversi akkuzi ta’ serq li gew minnha kommessi bejn Lulju u Awissu 2005.

Stante l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata taghha ssibha hatja tal-akkuzi kollha eccettwata l-ghaxar akkuza li giet irtirata mill-prosekuzzjoni.

B’referenza r-rapport tal-ufficjal tal-probation l-Qorti wkoll hi tal-fehma li kunsidrati c-cirkustanzi m’ghandhiex timponi ghal din id-darba l-prigunerija effettiva izda ghandha minflokk tpoggi lill-imputata taht ordni ta’ probation ghal zmien massimu sabiex taghti l-ahhar opportunita’ lill-imputata biex tkompli fit-triq ta’ riforma li ntraprendiet.

Rat ghalhekk l-Artikolu 261(c), 267, 279(a), 284, 285, 49, 50, 17, 18, u 41 tal-Kap 9.

Tiddecidi li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tpoggi lill-imputata taht ordni ta’ probation ghal zmien massimu ta’ tlett snin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------